MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Numru. 479/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**KONTRA**

**JONATHAN TRIGANZA ta’ 38 sena, iben John Mary u Giovanna nee’ Caruana, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-03.03.1971, residenti fil-fond numru 39, Flat 42, Triq Hal-Qormi, Hamrun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 180 571M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **JONATHAN TRIGANZA** li gie akkuzat talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, fil-11 ta’ Novembru, u fil-jiem ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata

fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jammanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusses tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G. N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fil-11 ta’ Novembru, 2004 u fil-jiem ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provvdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex jittiehdu proceduri taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li fl-istadju ta' l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi kien hati ghall-akkuzi kif dedotti kotnra tieghu, ghaldaqstant il-Qorti ordnat li jigi redatt *Pre-Sentencing Report*. Ghalhekk gie prezentat dan ir-rapport minn Mary Rose Farrugia. L-istess ufficjal tal-Probation ftit xhur wara telghet tixhed viva voce. F'dan l-istadju, xhur wara, l-ufficjal tal-Probation issa xehdet dwar il-progress li ghamel l-imputat fir-rigward tal-problema li biha kien afflitt cioe' l-abbuz tad-droga. Xehdet fil-fatt illi l-imputat ghamel progress fi hdan il-programm gewwa San Blas. Xehdet ukoll illi Jonathan Triganza kien anke qieghed juri hajra li jkompli l-istudji terzjarji. Insomma, l-ufficjal tal-Probation biddlet anke r-rakkomandazzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li qieghda ssib htija a bazi ta' l-Artikoli
In kwantu ghall-piena rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkudanna lill-imputat ghal piena karcererja ta' sena (1) sospiza ghal sentejn (2) – dan anke stante d-diversi opportunitajiet li nghata ghalxejn taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tqieghu ghal perjodu ta' sena (1) taht Ordni ta' Supervizjoni taht l-Ufficjal tal-Probation, b'dan illi Jonathan Triganza ghandu b'mod skrupluz jobdi kull direttiva lilu moghtija mill-istess, b'mod partikolari fejn jirrigwardjaw id-direttivi lilu moghtija fejn jikkoncentra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------